KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 43 – It-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.05p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx *corrections* tal-minuti.

1.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant kellu xi korrezzjonijiet li ġew ikkoreġuti. Peress li ma kienx hemm iktar korrezzjonijiet fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri l-minuti nr. 42 tad-19 ta' Jannar ġew approvati unanimament.

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġġerit li l-Gwardjan tar-ronda jissorvelja ftit Triq il-Kunċizzjoni bejn is-6.30a.m.u 8.00a.m. għax il-karozzi qed jinżlu 'one way'.

2.2 Is-Segretarju nfurmat li ser ngħaddu s-suggerimenti u l-ilmenti lill-LESA.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-issue ta' Sqaq Nru.2 Triq Preziosi fejn f'dan l-isqaq kull darba qed jgħaddu trukkijiet kbar li kull darba qed jolqtu l-gallariji.

2.4 Is-Segretarju spjegat li TM approvaw li jew isir *walking line* jew issir bankina. Hija nfurmat li fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li nistiednu lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto fuq il-post biex tagħtina soluzzjoni għal din il-problema. Meta saret ir-request, s-Sur Muscat tat-TM qal li d-deċiżjoni kienet diġa deċiża mis-Sinjura Testaferrata De Noto.

2.5 Is-Segretarju nfurmat li meta hija flimkien mas-Sindku u rappreżentat tat-TM marru fuq il-post, ir-residenti u anke l-*owners* tal-garaxxijiet ma ridux li ssir bankina. Fuq il-walking line r-residenti qed jgħidu li dan isir għal xejn. Ir-residenti baqgħu jinsistu li jsiru bollards.

2.6 Ġie deċiż li nerġgħu mmorru 'on site' mas-Sur Muscat tat-TM flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia biex nitkellmu mar-residenti u naslu għal deċiżjoni.

## 3. APPROVAZZJONI TA' UNAUDITED ACCOUNTS GĦAS-SENA 2015

3.1 F'dan il-ħin (5.20p.m.) waslet l-Accountant biex tagħti spjegazzjoni ta' l-unaudited accounts għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015 u li għandhom jiġu approvati u jiġu sottometti għand l-Awditur Ġenerali sal-Ġimgħa 19 ta' Frar 2016.

3.2 Is-Segretarju qasmet lill-Kunsilliera *extract* minn dawn l-Accounts.

3.3 Qabel ma spjegat l-Accounts, l-Accountant bdiet billi uriet ċerti 'concerns' tagħha.

3.4 Hija qalet li l-Kuntratt tagħha beda minn Settembru 2015 u bdiet tippostja minn Marzu/April. Hija bdiet tanalizza ċerti Accounts għax bħala Kunsill fil-qasam tal-finanzi matul is-snin, ma ngħatax attenzjoni biżżejjed. Kien hemm affarijiet li ma kienux sewwa. Hija bdiet tnaddaff ċerti Accounts bħal ma ġara fl-Account ta' deferred Income.

3.5 Hija naddfet kemm jista' jkun minn dawn l-Accounts biex fi 2016 tibda' *with a 'clear picture'.* Minkejja li għamlet dan l-eżerċizzju xorta waħda għad hemm problema bid-Deferred GrantsAccounts ta' €64,000 li huwa *in credit.*

3.6 L-Accountant esprimit li *support* u *handover* mingħand l-Accountant ta' qabel ma nstabx, l-Audit File ma ingħataliex.

3.7 Hija qalet lill-Kunsill biex joqgħod attent lil min jinpjegaw għax l-Kunsill għandu ħafna xogħol ta' *paper work* u *manpower* u m'hawnx biżżejjed, għalhekk ħafna xogħol jaqa' fuq l-Accountant. Kien hemm ħafna nuqqasijiet bħal workings tal-performance bonuses u payslips kienu neqsin.

3.8 L-Accountant kompliet tgħid li l-Awdituri ta' Audit 2015, wrew dan kollu anke mill-Management Letter.

3.9 Hija kompliet tgħid li waħda mill-*issues* fil-Management letter hija l-kera tal-*premises* tal-Kunsill. Hija qalet li azzjoni ittieħdet fejn hi flimkien mas-Segretarju iltaqgħet mar-rappreżentanti tal-University Residence. Minn naħa tal-University Residence għandhom jiċċekkjaw jekk kienx hemm xi kuntratt eżistenti. Dan għandu jiġġedded jekk jinstab imma jekk m'hemmx irid isir kuntratt ġdid.

3.10 L-Accountant tat spjegazzjoni fuq l-Accounts għas-sena 2015, li kienet ippreparat u nfurmat lill-Kunsill li wara li hija irranġat l-Accounts, kemm jista' jkun, is-sitwazzjoni hija ta' profit ta' €5828.00

3.11 L-Accountant qalet li jekk nimxu fuq il-passi ta' 2015, matul din is-sena 2016 ma għandux għalxiex ma jkollniex profitti. Hija qalet li kienet qabża kbira li mill-€59,000 fit- 2014 irroduċejnieha għal profit fit-2015.

3.12 L-Accountant tablet li bħala Kunsill għandna nitolbu kopja jew draft copy tal-final Accounts tar-Reġjun Ċentru u anke l-final Accounts tal-Joint Committee peress li l-Awdituri kienu talbuhom fl-aħħar Audit u anke biex inkunu nafu kemm imissna flus dovuti lill-Kunsill.

3.13 L-Accountant irrimarkat li fejn ikun hemm kontijiet bħal L-Ozone u Arms, dawn għandhom jitħallsu immedjetament biex nevitaw il-'late payment'.

3.14 L-Accountant irrimarkat ukoll li għandna nżommu *track record* ta' l-għamara tat-toroq.

3.15 Biex il-Kunsill ifendi għandu bżonn *allocation ta' cash* ta' €253,000 imma l-Gvern ma jagħtix din is-somma.

3.16 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk peress li mid-dejn ta' €59,000 fit-2014 u l-profit ta' €5828.00 fit-2015, id-dejn tħallas kollu.

3.17 L–Accountant spjegat li fit-2015 ma għamilnix dejn anzi mid-dejn li l-Kunsill kellu kilna minnu imma xorta waħda l-Kunsill għandu deficit. Il-*liquidity* tal-Kunsill għada mhiex tajba għax hemm shortfall.

3.18 Il-Kunsilliera iddiskutew il-kwistjoni tal-pagamenti tal-proġett tal-PPP li l-Kunsill *committed* li jħallas sas-sena 2020.

3.19 L-Accountant spjegat li għat-2016, il-Kunsill jara u jittargitja minn sorsi differenti kif ser idaħħal iktar fondi.

3.20 L-Accountant qalet li l-aħħar laqgħa tal-Finance Committee kien ġie deċiż li jiġu targeted tlett problemi eżistenti, l-PPP, Polidano Bros, ir-Renta tal-premises u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Hija qalet li sallum dawn it-tlett problemi ittekkiljajnihom għax:

a. F'din il-laqgħa hija qed tippreżenta l-Accounts għas-sena 2015.
b. Saret il-laqgħa ma' Polidano Bros fejn issa għandna stampa ċara tal-pagamenti kollha. Hija kompliet tgħid li ma' l-Accountant ta' Polidano Bros ftehmna li ser jitħallas €3298.14 il-bilanċ pendenti għat-2015 immedjetament. Kull sena sas-sena 2020 ser titħallas is-somma ta' €14,062.00 maqsuma kull tlett xhur għal kull sena li tammonta għal €3515.50.
c. Fuq ir-renta tal-premises tal-Kunsill li jħallas €700.00 kull xahar, l-Accountant hija ta' l-opinjoni li din is-somma hija għolja ħafna. Hija qalet li iltqajna mar-rappreżentanti tal-University Residence fejn tlabna biex din iċ-ċifra tiġi riveduta peress li-Kunsill ma jiflaħx iħallas din is-somma kollha. Il-University Residence ma qablux dwar dan anzi huma ġew bit-tir li forsi jgħollu l-kera peress li konna tkellimna magħhom li kien hemm proposta mis-Social Services biex jibdew jagħtu servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill. L-Accountant qalet ukoll li tkellmet magħhom anke fuq l-issue li m'hemmx *agreement* tal-binja u fuq din ser nirregolarizaw ruħna.
d. Is-Segretarju nfurmat ukoll li hija tkellmet ma' tal-University Residence fuq il-fatt li huma kienu ħadu kamra mill-binja biex tintuża għal Housekeeping. Din il-kamra ma tistax tingħata lura. Hija kompliet tgħid li talbet biex jerġa' ikollna

s-servizz tal-maid mingħandhom bħala ma kien qabel u dan ikun inkluż fil-prezz. Għandna qed nistennew risposta dwar dan.

L-Accountant hija tal-fehma li l-Kunsill jagħmel minn kollox biex tinstab binja oħra b'renta irħas. Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett.

3.21 Hija qalet li jekk ser jiġu tas-Social Services jagħtu servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill għandna nagħmlu l-affarijiet kif suppost. L-ewwel irid ikollna kuntratt tal-binja tal-Kunsill mal-University Residence biex żgur meta ikun hemm is-Social Services ma' togħlix l-kera. Irid isir *technical drawing* ta' kif ser jinqasam l-uffiċċju u l-ispejjes involti lil tas-Social Services.

3.22 Is-Segretarju staqsiet lill-Accountant fuq il-*Quarterly Reports* bejn April sa Ġunju 2015 u minn Lulju sa' Settembru 2015. Hija spjegat li *d-date of resignation* ta' l-Accountant l-oħra kienet is-16 ta' Ġunju 2015 għalkemm tħallset sa April 2015 u l-kuntratt ta' l-Accountant l-ġdida beda minn Settembu 2015. Il-Quarterly Reports minn Jannar sa Marzu 2015 sar mill-Accountant l-oħra u dak ta' minn Ottubru sa Diċembru mill-Accountant il-ġdida. Is-Segretarju staqsiet jekk forsi nistaqsu l-Accountant li kellna biex tipprepara l-Quarterly Report minn April sa' Ġunju 2015 u l-Accountant l-ġdida biex tipprepara dak ta' bejn Lulju sa' Settembru 2015.

3.23 L-Accountant tat il-views tagħha fuq dan u qalet li jekk ngħidulha biex tipprepara Quarterly Report barra mid-data tal-kuntratt tagħha hija ser tiċċarġjana *extra*.

3.24 Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.25 Qabel ma telqet l-Accountant (6.30p.m.) qalet li l-importanti li l-Kunsill jaħdem fuq il-Budget ta' 2016 u l-Kunsill irid jara fuq liema prioritajiet irid jaħdem.

3.26 L-Unaudited Accounts għas-sena 2015 ġew approvati mill-Kunsill unanimament.

3.27 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-iżball huwa l-mod ta' kif ħareġ it-tender. Is-Segretarju nfurmat li t-tender ħareġ eżatt bħal ta' l-aħħar darba u trid tgħaddi minnhom l-affarijiet biex ma terġax tagħmilhom. Hadd ma kien jaf li kien ser jiġi kif ġara.

## 4. VIP LIST

4.1 Resident qed jissuġerixxi biex fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq San Liċinju fejn ir-razzett isir tabella forma ta' vleġġa li tgħid 'To Lija centre' u titwaħħal fejn il-mera li hemm. Dan għaliex qed jinżlu ħafna nies mhux minn Ħal Lija qas jkunu jafu minn fejn iridu jgħaddu. Il-Kunsill approva unanimament li din it-tabella isir.

4.2 Resident qed jagħmel request biex fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq San Liċinju ssir sleeping policeman qabel ma' tikser għal Triq San Liċinju. Huwa qal li ilu jitlob dan ir-*request* flimkien ma' aktar residenti fuq kwazi 5 snin. Qal li din l-sleeping policeman hija imporanti ħafna għax hemmhekk hemm *blind corner* u jduru vera bi speed qawwi. Qal li diġa kellu esperjenza kerha għax snin ilu tajrulu lit-tifla tiegħu għalhekk qed isostni fuq il-bżonn ta' din l-sleeping policeman. Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill ma approvax li ssir sleeping policeman għax ser nimlew ir-raħal kollhu bihom. Ġie deċiż li għandu jsir refreshing tar-roundabout u jitwaħħlu tlett bollards żgħar tar-rubber. Tnejn minnhom diġa għandna fl-uffiċċju tal-Kunsill allura trid tinxtara oħra u jitwaħħlu mar-roundabout.

4.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li azzjoni ser tittieħed fuq Traffic Management fejn ser jonqos it-traffiku mir-raħal.

4.4 Residenta nfurmat lill-Kunsill li l-mera li twħħlet fi Triq Annibale Preca fejn Sqaq It-Tut, reġgħu kisruha. Ovvjament ir-residenta qed titlob li ssir oħra għax hemmhekk bilfors hemm bżonn ta' mera biex jaraw il-karozzi ġejjien. Is-Segretarju nfurmat li reġgħet twaħħlet mera oħra peress li kien hemm mera fil-Kunsill *in-stock.*

4.5 Is-Sid tal-ħanut tal-Villaġġ fi Triq il-Forn qed jistaqsi jekk meta jkollu xi *event* jistax jirriserva l-*parking space* li hemm quddiemu għax ġieli kellu n-nies għandu għal xi party u jinzerta fil-parking ikun hemm xi van kbir u jkun jidher ikrah. Huwa staqsa li jekk jkun jista' jirriserva dan il-parking space biex jkun jista joħroġ xi imwejjed.

4.6 Il-Kunsill ma approvax ebda request ta' dan ir-resident.

4.7 Resident qed jagħmel request biex il-*continuous white line* fi Triq Agostino Portelli jinbidel f' *dotted white line*. Dan għar-raġuni li peress li jkun hemm il-karozzi pparkjati fuq naħa tat-triq, il-karozzi li jkunu neżlin l-isfel jistgħu imissu dan il-line għax it-triq m'hiex wiesgħa biżżejjed. Kif ukoll resident xtaq ukoll jirraporta li hemm xi ftit siment mal-ħajt fi Triq Nazju Cortis biex dan jitnadaf. Kemm il-darba kellimna lill-Kuntrattur u dan wegħdna li ser jitneħħa pero s'issa għadu ma tnadafx.

4.8 Fuq il-*continuous white line* biex jinbidel għal *dotted line*, il-Kunsill qal li għandna nieħdu parir mingħand it-TM. Fuq ir-request l-oħra, s-Segretarju qalet li kważi kuljum tagħmel kuntatt mal-kuntrattur biex jitneħħa dan il-konkos. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu dan ix-xogħol.

4.9 Is-Soċjeta' Mużikali Każin Banda San Pio X flimkien ma' l-Għaqda Festi Esterni jixtiequ jagħmlu request għal NO Parking signs bejn il-Kappella ta' Sant'Andrija u l-Ambaxxata Ġermaniża bejn l-14 u l-31 ta' Marzu għaliex ser terġa' titella l-produzzjoni – Ċenaklu Ħaj li ser isir fil-Kappella ta' Sant'Andrija. Kif ukoll No Parking Signs bejn 21 u 25 ta' Marzu madwar il-Kappella ta' Sant'Andrija sabiex ikun hemm spazju għad-dħul u l-ħruġ għaċ-Ċenaklu.

4.10 Il-Kunsill approva dan ir-request imma għandna nistaqsu l-ħinijiet u l-ħin li jispiċċa ċ-Ċenaklu Ħaj ghandhom jitneħħew in'no parking' signs. Għandna nistaqsu ukoll jekk ikollhomx bżonn No Parking anke fuq wara tal-Kappella. Għandna ninfurmaw lill-Kunsilliera bil-ħinijiet.

4.11 Resident li joqgħod fi Triq Mario Agius għandu problema għaliex qal li ma jistax jagħmel il-garbage quddiem il-bieb ta' dar tiegħu għaliex ma jkunx jista jiftaħ il-grada la tiegħu u lanqas tal-ġarr tiegħu u ma jridtx problemi u għalhekk irid jibqa jagħmel il-garbage faċċata tad-dar tiegħu li jiġi mal-ħajt ta' l-iskola fil-kantuniera tal-gate. Aħna diġa kellimnih u kellimna lil LESA ukoll u qalu li kulħadd għandu jagħmel il-garbage quddiem il-bieb tiegħu għaliex hemm avviż legali pero dan ir-resident baqa' jsostni li jibqa' jagħmlu faċċata għaliex bil-garbage jagħmel *obstruction* tal-bankina ukoll. Għalhekk xtaq li l-Kunsill jagħtih il-permess li jagħmel hekk.

4.12 Il-Kunsill ma' jaqbilx ma din ir-request u għandna ninfurmaw lir-resident li jekk ma jistax iżommu quddiem il-bieb tiegħu, jagħmel granpun u idendlu mal-grada.

4.13 Is-Segretarju nfurmat li żewġ Tenders li huma ta' *Street lighting Repairs and Installations* u *Parks & Gardens* ser jagħlqu l-Ġimgħa 26 ta' Frar 2016 f' nofs inhar. Kif ukoll li fit-8 ta' Marzu 2016 siegħa qabel ma tibda il-laqgħa tal-lokalita' biex

niltaqaw biex isir *adjudication* tat-T*enders*. Is-Sinjura Magda Magri Naudi u Dr Marc Sant ser jattendu għal ftuħ tat-tenders nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar f'12.15p.m. Il-Kunsill unanimament qabel li l-aġudikazzjoni ta' dawn it-tenders issir nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 fil-5.00p.m. qabel il-laqgħa tal-lokalita'.

4.14 Is-Segretarju ressqet tlett ittri għal l-informazzjoni tal-Kunsill mingħand il-Kappillan Dun Joe Cilia. Dawn ir-requests intbagħtu ukoll lill-pulizija u li huma:

a. 26 ta' Frar 2016 fis-6.00p.m. – Pellegrinaġġ bil-Kurċifiss. Il-Pellegrinaġġ ser jibda mill-MUSEUM tas-Subien.

b. 18 ta' Marzu 2016 – Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri.

c. 20 ta' Marzu 2016 – Purcissjoni ta' Ħadd il-Palm

4.15 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li s-Sinjorina Francelle Caruana mit-Tourism Authority kienet bagħtet għaliha, għas-Sindku ta' l-Iklin u s-Sindku ta' Ħal Balzan għax kellhom il-ħsieb li jagħmlu pjanta ta' dawn it-tlett ibliet b'affarijiet interessanti. Hija qalet li kienet ħadmet fuqha u bagħatitilha l-affarijiet fuq Ħal Lija. Is-Sinjorina Francella Caruana nfurmatha li issa ser jinħareġ brochure u mappa ta' tlett villaġġi. Huma ser jagħmlu plakka u jwaħħluha fejn jiddeciedi l-Kunsill ġo Ħal Lija u f'din tkun indikata fil-mappa. Mill-uffiċċju imlejna l-mappa u minn naħa tagħhom għandhom iżommuna nfurmati. Din għanda tkun tajba ħafna għan-nies fejn ikollhom immarkat l-postijiet interessanti ġoHal Lija, tkun bħala Heritage Walk.

4.16 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ġew grupp ta' nies li xtaqu jitilgħu fuq it-Torri Belvedere b'risq il-Community Chest Fund mas-Sur Remig Bartolo. Is-Sindku qalet li qasmitilhom il-leaflets b'informazzjoni u huma ħadu gost ħafna.

4.17 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq x'ġara fuq l-ilment fi Triq Depiro Gourgion rigward it-trinka li għada mhiex *reinstated* u dwar it-trab u straġi. Is-Segretarju għandha tiċċekkja mal-ħaddiema ta-Kunsill fuq dan l-ilment.

4.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li daħal water bowzer fit-toroq dojoq ta' Triq Preziosi. Hija xtaqet li jsir rapport fuq dan pero peress li Reg Nr. ma għandnix ma nistawx nagħmlu rapport fuqu. Is-Sindku għandha tinforma lil min ħa l-ilma biex ma jinġiebux bowzers kbar.

## 5. TRAFFIC MANAGEMENT

5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li nistgħu nitolbu lit-TM biex Triq Preziosi tiġi 'One Way' u toħroġ il-barra biss. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet għaddiet e-mail lilhom fejn TM talbuna pjanta ta' fejn ser jiġu l-bollards għax fl-aħħar dawn ser iwaħħluhom.

5.2 Din ser tiġi kontradittorja peress li t-*traffic management* li qed nitolbu huwa bil-kontra. Il-Kunsill iddiskuta din peress li min jidħol fi Triq Preziosi ser ikollu idur ir-raħal kollu jekk indawru Triq Preziosi u ssir toħroġ il-barra biss.

5.3 Ġie deċiż mill-Kunsill li għandhom jitwaħħlu l-bollards mit-TM.

5.4 Is-Sindku kompliet tgħid li l-għan ta' dan il-Kunsill huwa li naqqsu t-traffiku u naqqsu l-speed u s'issa l-ebda waħda minnhom għada ma saret. Lir-residenti, l-problema tat-traffiku kif inhu, qed idejjaqhom ħafna.

5.5 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-appuntament mal-Perit għadu ma sarx għax peress li minħabba l-commitments ma' Polidano Bros, il-fondi huma limitati ħafna, xtaqet tistaqsi lill-Kunsill jekk hemmx iktar affarijiet ta' prijorita' minn dawk li kien ġie deċiż li jsiru fl-aħħar laqgħa. Kull ma għandu l-Kunsill għad-dispożżizzjoni tiegħu għalissa huma €5000.00

5.6 Kien ġie deċiż li lill-Perit ngħidulu nagħmlu pjanti ta' parking bays, imma hemm ukoll patching urġenti bħala ma hemm ħdejn in-Nestle. Meta marru l-ħaddiema tal-Kunsill qalu li l-patching li hemm ma jistawx jagħmluh huma. Il-Kunsill iddeċieda li priority għandha tkun il-patching.

5.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq prijorita' oħra, dik ta' Trejqet Kjeriku Gakbu Abela fejn hemm arblu mimli kollu sadid imħawwel fil-bidu ta' l-għalqa. Għandna mmorru on site flimkien mal-Perit biex jagħtina parir għax l-arblu qed iżommu l-ħajt u huwa perikoluż.

## 6. PRIORITIES TAL-KUNSILL BIEX JIGI IMHEJJI L-BUDGET

6.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kif spjegat l-Accountant,il-Kunsill irid jara fuq liema *prioritie*s irid jaħdem biex jitħejja l-Budget għal din is-sena. Fost affarijiet oħra issemmew

a. Il-binja tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li fuq din erġajna ġejna *back to square one* wara li bagħtna l-ittra lis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo. Il-Kunsill iddeċieda bħala l-ewwel preferenza li mmoru għal binja ġdida ħdejn it-tennis club allura l-Kunsill irid japplika għad-devoluzzjoni ta' l-art. Is-Sindku qalet li nistgħu nixtru dar lesta, jekk jgħina l-Gvern, ikun hemm is-Social Services, il-bank jagħtina loan u jekk inħallsu l-bank €500 fix-xahar inkunu diġa qed niffrankaw €200 minn kemm qed inħallsu fil-preżent. Is-Sindku qalet li l-Accountant issuġerit li jekk il-Kunsill jieħu l-art ta' ħdejn it-tennis u jinbnew ufficċini bil-Containers ikun novita u xempju għal Malta.
b. Bye-laws
c. Maintenance tat-Torri
d. Sqaqien – EU Funds Project – Għandu jiġi iċċekkjat mal-Perit li dan il-proġett ser ikun *fully financed.*
   Is-Segretarju flimkien mas-Sindku qablu li dawn kellhom ikun *fully financed.*
e. Traffic Management.
f. Resurfacing ta' Triq Annibale Preca in-naħa ta' fuq fejn kien tħalla minn Polidano Bros u anke patching in-naħa tan-Nestle.
g. Pavements Transfiguration Avenue

Is-Segretarju nfurmat li Business Plan sar is-sena l-oħra għas-snin 2015 sa 2017.

6.2 Il-Minority Leader staqsa fuq *scarifying* li sar fil-pjazza ta' ħdejn Dr. Micallef Hawkes għax ma ġietx tajba. Is-Segretarju għandha tmur on site biex tiċċekkja fuq dan.

## 7. KORRISPONDENZA

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-email li kienet intbatgħet fuq update fuq il-karozzi tal-linja nr 202 and 203 li kienu iservu Pembroke u Tas-Sliema. Irid jiġi iċċekkjat jekk hux ser ikunu uppdated bħal ma kienu bħal ma sar fuq ir-rotta X1 u X3. Is-Sinjorina Farrugia qalet li rotta nr 54 sejra tajba. Hija qalet ukoll li f'Tal-Mirakli l-art għadhom ma nżebghitx minn Transport Malta.

7.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq residenza fi Triq Sir Ugo Mifsud faċċata ta' Parisio Nursery li mat-tieqa waħħlu 'No Parking'. Irid jiġi iċċekkjat dwar dan.

## 8. SKEDA TA' ĦLASIJIET

8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2016.

8.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma japprovawx il-pagamenti tal-Waste Collection li huma nr 1 u 2 fuq l-Iskeda.

8.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

8.4 Il-laqgħa li jmiss ser isir nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2016 fl-04.45p.m.

## 9. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-19.53 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |